

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-piraterija marittima: it-tisħiħ tar-reazzjoni tal-UE” (opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(2013/C 76/03)

Relatur: **Dr BREDIMA**

Nhar it-12 ta' Lulju 2012, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, li jħejji opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar

Il-piraterija marittima: it-tisħiħ tar-reazzjoni tal-UE

(opinjoni fuq inizjattiva proprja)

Is-Sezzjoni għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Infommazzjoni, inkarigata sabiex tipp-repara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar is-26 ta' Novembru 2012.

Matul l-486 sessjoni plenarja tiegħu li saret fis-16 u s-17 ta' Jannar 2013 (seduta tas-16 ta' Jannar), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'147 vot favur, vot wieħed (1) kontra u 8 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet

1.1 Is-soċjetà ċivili Ewropea m'għandhiex għarfien sħiħ tas-serjeta' tal-pjaga tal-piraterija marittima. Il-KESE jixtieq jissensibilizza aktar lis-soċjetà ċivili u lill-opinjoni pubblika Ewropea sabiex jimmobilizza lill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE għal azzjoni konkreta bl-għan li jelimina l-fenomeni mis-sors. Fl-2011 il-Jum Marittimu Dinji ġie ddedikat għall-għieda kontra l-piraterija. In-natura magħmula minn ħafna karatteristiċi tagħha ser tirrikjedi azzjoni ħolistika u mhux waħda frammentarja u improvviżata. Il-piraterija mhijiex kwistjoni remota li qed titwettaq f'xi post fl-Oċean Indjan u li taffettwa biss il-bastimenti attakkati u l-ekwipaġġi tagħhom. Qiegħda taffettwa lill-konsumaturi u l-kontribwenti Ewropej f'ħafna aspetti u mhijiex “sin-tomu li nistgħu ngħixu bih”.

Il-KESE jippromovi rieda politika konkreta mill-istituzzjonijiet u l-Istati Membri tal-UE sabiex tinsab soluzzjoni permanenti għall-piraterija.

1.2 L-UE għandha strument uniku b'soluzzjonijiet li jvarjaw mill-għajnuna għan-negozju u l-iżvilupp għall-preżenza militari, il-bini u r-rikonstruzzjoni ta' Stat.

1.3 Il-KESE jilqa' d-deċiżjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u l-UE sabiex l-operazzjoni tal-UE/Navfor–Atalanta tittawwal sa Diċembru 2014, u ż-żona tal-operat tiġi estiża lejn il-Lvant u n-Nofsinhar fl-Oċean Indjan u fil-kosta tas-Somalja. Huwa jemmen li l-EU Navfor għandha tingħata mandat iżjed b'saħħtu b'regoli ta' involviment iżjed b'saħħithom. Il-KESE jħeġġeġ li jinżamm impenn b'saħħtu fir-rigward tan-numru ta' bastimenti użati mill-Istati Membri tal-UE għal din l-operazzjoni.

1.4 Il-konnessjoni reċenti tal-Ftehim ta' kooperazzjoni reġjonali dwar il-għieda kontra l-piraterija u s-serq armat kontra l-bastimenti fl-Asja (ReCAAP) mal-Kodiċi tal-Kondotta ta'

Djibouti u l-konklużjoni, min-naħa tal-UE, ta' ftehimiet bilaterali għall-prosekuzzjoni tal-pirati mal-Kenja, is-Seychelles, il-Mawrizju u pajjiżi oħra huma importanti ħafna.

1.5 Il-KESE jappoġġja t-tnedija ta' missjoni tal-Bini tal-Kapaċità Marittima Reġjonali min-naħa tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE). L-“EUCAP NESTOR” ser jassisti lill-pajjiżi tal-Qarn tal-Afrika fil-ħolqien ta' pjan ġenerali għall-għieda kontra l-piraterija, fl-abbozzar ta' leġislazzjoni rilevanti u fit-tisħiħ tal-kapaċità tal-gwardakosta.

1.6 Il-KESE jitlob lill-Istati Membri tal-UE u lill-pajjiżi li jinsabu fil-proċess ta' adeżjoni jew li għandhom ftehimiet ta' assoċjazzjoni mal-UE sabiex jinfurzaw l-azzjonijiet legali kontra l-piraterija u l-prosekuzzjoni tal-pirati fl-ibħra internazzjonali b'konformità mal-Artikolu 105 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982.

1.7 Il-KESE jħeġġeġ lit-tbaħħir sabiex japplika l-Aħjar Prattiki tal-Ġestjoni (BMP4) għall-industrija riveduti rigward miżuri ta' awtoprotezzjoni abbord il-bastimenti. Il-KESE jħeġġeġ lill-Istati Membri li qegħdin jipplanaw li jippermettu l-użu ta' gwardji armati privati kwalifikati għall-protezzjoni ta' bastimenti vulnerabbli sabiex jikkonformawmal-gwida rilevanti tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) u jiddefinixxu qafas legali riġidu li, fost l-oħrajn, jistabbilixxi l-kundizzjonijiet tar-responsabbiltà tal-kaptan tal-bastiment, b'mod partikolari f'każ li jinfetaħ in-nar. L-użu ta' gwardji armati privati ma jikkostitwixx soluzzjoni u lanqas m'għandu jsir ir-regola iżda huwa biss miżura eċċezzjonali li tikkomplementa l-BMP. L-Istati Membri huma mħeġġa li jipprovdu konvojs taħt skorta militari u jipprovdu lin-NU b'unitajiet militari bbażati fuq l-art (Stakkamenti għall-Protezzjoni tal-Bastimenti – VPDs) li jkunu kapaċi jtitgħu abbord bastiment waqt it-tranżizzjoni minn żoni ta' riskju għoli.

1.8 Il-KESE jopponi r-restrizzjoni tal-ħlas tal-fidwa li jista' jkollu effetti kontroproduċenti u jista' jpoġġi lill-ostaġġi friskju ikbar. Għalissa l-fidwa għadha strument sabiex ikun żgurat ritorn sigur tal-baħħara, li jintużaw bħala tarki umani. Il-KESE jikkundanna l-prattika tal-pirati li joqtlu jew jittorturaw lill-baħħara bħala mezz kif jagħmlu pressjoni għall-ħlas tal-fidwa.

1.9 Il-KESE jemmen li l-muftieħ sabiex tissolva l-problema tal-piraterija jinsab fl-intraċċar u l-imblukkar tal-flussi finanzjarji involuti. Huwa jilqa' li jinżammu fil-mira l-finanzieri u l-koordinazzjoni tal-bażijiet tad-data sabiex jiżdied il-fehim tal-mudell tan-negozju tal-piraterija. L-UE għandha tistabbilixxi lista sewda ta' istituzzjonijiet finanzjarji involuti fil-ħasil tal-flus relatat mal-piraterija. F'dan ir-rigward ta' min ifaħħar il-ħidma tal-Europol u tal-Eurojust.

1.10 Il-KESE jħeġġeġ lill-istituzzjonijiet tal-UE sabiex jindirizzaw l-eskalazzjoni tas-serq armat fuq il-baħar (ARAS) u serq taż-żejt fl-Afrika tal-Punent u fil-Golf tal-Guinea. Billi l-modus operandi għall-ARAS huwa differenti ħafna minn dak tal-pirati Somali, għandhom jiġu appoġġjati miżuri speċifiċi għal dan ir-reġjun. Fl-Oċean Indjan, tliet miljun barmil taż-żejt u 50 % tal-kummerċ dinji tal-containers kuljum jgħaddu minn żoni infestati bil-piraterija.

1.11 Il-KESE jenfasizza l-urġenza li jinħelsu l-218-il baħħar li attwalment huma miżmuma bħala ostaġġi u jħeġġeġ it-taħriġ vokazzjonali kontra l-piraterija tal-baħħara sabiex jiproteġu lillhom innifishom u l-kliniki tal-kura tas-saħħa tal-baħħara li jkunu miżmuma bħala ostaġġi. Tliet Konvenzjonijiet internazzjonali (il-Konvenzjoni dwar l-Istandards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Baħħara tal-2010; il-Kodiċi Internazzjonali tas-Sigurtà fuq il-Bastimenti u fil-Portijiet tal-2004; il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu tal-2006), jipprovdu bażi legali għat-taħriġ ta' qabel l-imbarkazzjoni, it-taħriġ u l-eżerċizzji abbord, ir-ripatrijazzjoni, il-kumpens, il-ħolqien ta' rabtiet familjali u l-kura tal-baħħara wara r-rilaxx tagħhom. Il-KESE jħeġġeġ lill-UE ssaħħaħ dawn il-Konvenzjonijiet u tifformula gwida komprensiva ġdida għall-benesseri tal-baħħara li kienu jew jistgħu jsiru vittmi tal-piraterija u tal-familji tagħhom. L-UE għandu jkollha rwol ta' gwida fl-emendar ta' dawn il-Konvenzjonijiet Internazzjonali sabiex tqis il-miżuri għall-baħħara li jinżammu ostaġġi.

1.12 L-elezzjonijiet tal-20 t'Awwissu 2012 kienu avveniment kruċjali fl-istorja tal-istat li falla tas-Somalja. Il-KESE jimpenja lilu nnifsu li jikkoopera fl-azzjoni futura tal-UE li tassisti l-proċess ta' ħolqien tas-soċjetà ċivili tagħha fkonformità ma' azzjoni simili rigward pajjiżi Afrikani oħra.

1.13 Il-KESE jitlob għal azzjoni kkoordinata tal-UE sabiex parti mill-ghajjnuna għall-iżvilupp jew riżorsi oħra jkunu ddedikati għat-taħriġ taż-żghażaġh fil-professjoni ta' sajjied, għall-promozzjoni ta' agrikoltura sostenibbli u fl-intraprenditorija. Il-kundizzjonijiet ta' għajxien deċenti għaż-żghażaġh tas-Somalja jistgħu jagħmlu inqas interessanti l-karrieri fil-piraterija.

2. Il-problema b'aspetti diversi tal-piraterija

2.1 Il-kumplessità tal-piraterija

2.1.1 Wara ħames snin ta' żieda fl-attakki minn pirati fuq bastimenti tal-merkanzija fil-Golf tal-Aden, il-Baċin Somalu, il-Baħar Għarbi u l-Oċean Indjan, iċ-ċifri statistiċi jistgħu jkunu qarrieqa rigward it-trażżin tal-problema tal-piraterija. Suppożizzjoni bħal din tkun żbaljata billi tkun qiegħda tinjora l-effett ta' imitazzjoni u ż-żieda tal-piraterija fl-Afrika tal-Punent. Huwa ta' dispjaċir li l-problema tal-piraterija hija kwistjoni mifruxa mad-dinja kollha li qed isseħħ ukoll fl-Indoneżja, il-Malakka/l-Istrett ta' Singapore, l-Ibħra taċ-Ċina tan-Nofsinhar u l-Amerika t'Isfel. Il-figuri attwali (tal-24 ta' Settembru 2012) jindikaw 50 inċident fis-Somalja, 34 fil-Golf ta' Guinea u 51 fl-Indoneżja.

2.1.2 L-użu tal-bastimenti li jgörru bastimenti oħra żgħar magħhom ippermetta lill-pirati li joperaw b'iżjed suċċess. It-tattiki li dejjem qed jinbidlu u t-tagħmir li jiffaċilita l-identifikazzjoni ta' miri u għodod għad-dħul fiċ-ċittadelli abbord il-bastimenti għamilhom iżjed aggressivi, sofistikati u vjolenti u okkazzjonalment dan jirriżulta fil-mewt tal-baħħara.

2.1.3 Il-piraterija tibda bħala problema marittima, tevolvi fi problema umanitarja, kummerċjali u ekonomika globali u taffettwa l-konsumaturi dinjin. L-ispejjeż tagħha jistgħu jiżdiedu ħafna f'każ ta' tfixkil tal-katina tal-provvista tal-merkanzija u l-enerġija, jekk il-komunità dinjija ma tindirizzax b'mod effikaċi l-attivitajiet ta' piraterija jew jekk l-unjins tal-baħħara jirrifjutaw li jsir tbaħħir fiż-żoni infestati. Kull sena tmintax-il elf bastiment jgħaddu minn dawn iż-żoni. Il-piraterija fil-Golf tal-Aden/Qarn tal-Afrika jirrappreżenta theddida strateġika għall-UE peress li dan jolqot it-traffiku fil-kuridur prinċipali Ewropa-Asja. Il-kumpaniji qegħdin dejjem aktar jużaw ir-rota marittima tal-Cape of Good Hope sabiex jevitaw il-Kanal Suez. Il-piraterija saret attivita' kriminali li tħalli qligħ kbir u turrappreżenta karriera attraenti għaż-żghażaġh taż-żona. L-ispejjeż tagħha huma sproporzjonati għan-numru ta' pirati involuti (fis-Somalja huma madwar 1 500). Il-piraterija qiegħda tfixkel il-kunsinna tal-ghajjnuna fikel tal-UE meta l-aktar li jkollhom bżonnha l-vittmi tan-nixfa Afrikana. Il-preżenza navali fl-Oċean Indjan tista' tixxebbah mal-“għassa taż-żona tal-Ewropa b'20 karozza tal-pulizija”.

2.1.4 L-impunità tal-atti ta' piraterija u l-imminar tad-dritt u l-ordni internazzjonali (il-Konvenzjoni UNCLOS 1982) mhumiex tollerabbli u l-UE teħtieġ turi rieda politika qawwija sabiex teradika dan il-fenomeno. Il-Grupp ta' Kuntatt tan-NU dwar il-piraterija lil hinn mix-xtut tas-Somalja ħeġġeġ il-ħolqien ta' strateġija globali, inklużi miżuri preventivi u dissważivi, gwida operattiva għal kooperazzjoni aħjar tal-forzi navali, il-prosekuzzjoni tal-pirati u r-rintraċċar tar-riżorsi finanzjarji tagħhom.

2.1.5 L-UE li tikkontrolla 40 % tat-trasport marittimu dinji ma tistax tippermetti ż-żieda mingħajr kontroll tal-piraterija. Kif iddikjara l-Kummissarju għat-Trasport, is-Sur Kallas, "Il-piraterija fil-baħar hija theddida ġenwina għall-politika tat-trasport tal-UE". Barra dan, qegħdin jiġu mhedda l-kummerċ estern tal-UE, il-provvista u s-sigurtà tal-enerġija, il-benesseri tal-baħħara u t-twassil tal-għajnuna umanitarja.

2.2 L-ispiża f'ħajja ta' bnedmin tal-piraterija

2.2.1 Matul l-2011 inqatlu iżjed minn seba' baħħara u 39 ġew feruti mill-pirati. Fl-2012 (aġġornat sal-24 ta' Settembru), sitt baħħara ġew maqtula u 448 miżmuma ostaġġ wara 225 attakk u 24 ħtif. Fit-30 ta' Ġunju 2012 il-pirati qabdu 11-il bastiment u 218-il baħħar ittieħdu bħala ostaġġi fis-Somalja. Iżjed minn 43 baħħar inqatlu u 2 653 inżammu bħala ostaġġi sa mill-2007 f'inċidenti ta' piraterija lil hinn mill-kosta tas-Somalja.

2.2.2 Is-sidien internazzjonali tal-bastimenti u l-assoċjazzjonijiet tal-baħħara (pereżempju il-Kamra Internazzjonali tat-Tbaħħir [ICS], il-European Community Shipowners' Associations [ECSA], il-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport [ETF], il-Forum Asjatiku tas-Sidien tal-Bastimenti [ASF], ir-ragguppament SOS "Insalvaw il-Baħħara Tagħna" magħmul minn 31 organizzazzjoni tal-industrija marittima internazzjonali) ingħaqdu sabiex iżidu l-għarfien tal-prezz f'ħajja ta' bnedmin u l-prezz ekonomiku tal-piraterija permezz tal-midja u billi ħolqu rapporti ma' politiċi u l-industrija fl-ogħla livelli. L-ASF (24 ta' Mejju 2012) żvela li f'dawn l-aħħar seba' snin mietu 62 baħħar bħala riżultat ta' azzjonijiet ta' piraterija u 4 000 inżammu bħala ostaġġi fuq madwar 200 bastiment maħtuf mill-pirati Somali. Waqt li l-attakki ta' piraterija fl-Oċean Indjan naqsu għal-ewwel darba f'ħames snin (2007-2012), in-numru ta' baħħara maqtula tripla f'dawn l-aħħar sentejn (is-Sultan AHMED BIN SULAYEM/President ta' DP World, 30.6.2012). Għalhekk m'hemmx lok għall-kompjaċenza.

2.2.3 L-ewwel pass għat-trażżin tal-piraterija għandu jkun il-prevenzjoni tal-att kriminali, mhux il-prevenzjoni tal-ħlasijiet li

jiżguraw il-ħelsien tal-vittmi ta' dak l-att kriminali. L-imwiet tal-baħħara m'għandhomx jiġu aċċettati bħala "dannu kollaterali" fil-gwerra kontra l-piraterija (Nautilus International).

2.3 L-ispiża ekonomiku tal-piraterija

2.3.1 Ta' min jinnotta żewġ rapporti dwar id-dinamika ekonomika tal-piraterija:

2.3.2 *The Economic Cost of Maritime Piracy* (L-ispiża ekonomika tal-piraterija marittima) (Diċembru 2010) janalizza l-ispejjeż diretti: il-fidwa, il-primjums tal-assigurazzjoni, it-tibdil tar-rotot madwar il-Cape of Good Hope, miżuri ta' sigurtà deterrenti, gwardji armati, l-iskjerament ta' tliet missjonijiet navali, prosekuzzjonijiet, il-finanzjament ta' organizzazzjonijiet kontra l-piraterija, il-prezz umanitarju. L-istima tiegħu tal-ispiża ġenerali annwali hija ta' bejn USD 7 u 12-il biljun. Barra minn hekk, il-Fondazzjoni One Earth ikkalkulat l-ispiża tal-fidwa għall-2009-2010 għal USD 830 miljun, u l-ispiża annwali għal tagħmir ta' deterrent u suldati privati ta' bejn USD 360 miljun u 2,5 biljun fis-sena.

2.3.3 *The Economics of Piracy* (Il-valur ekonomiku tal-piraterija) (Mejju 2011), janalizza l-"katina tal-valur" tal-piraterija bejn il-pirati, il-finanzjaturi, l-accountants u l-fornituri tal-armi. Huwa juri kif il-piraterija tista' tkun għażla li trendi ħafna iżjed meta mqabbla mal-PDG/capita fis-Somalja (id-dħul tal-pirati jista' jkun 67-157 darba iżjed mid-dħul medju fis-Somalja). Huwa jiffoka fuq il-ħtieġa li s-sistema informali tat-trasferiment tal-flus magħrufa bħala Hawala tiġi rintraċċata u jistima li l-ispiża annwali hija ta' bejn USD 4,9 u USD 8,3 biljun.

3. L-azzjoni tal-UE

3.1 L-istituzzjonijiet Ewropej

3.1.1 Fid-Dikjarazzjoni Konġunta tagħhom dwar sħubija sabiex jiġu miġġielda l-piraterija marittima u s-serq armat fl-Oċean Indjan tal-Punent (Londra, 15 ta' Mejju 2012), l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) saħqu fuq id-determinazzjoni tagħhom li jżidu l-kapaċità tagħhom li jikkumbattu l-piraterija marittima u s-serq armat u li jtejbju l-governanza marittima fl-Oċean Indjan tal-Punent. Il-"Kodiċi tal-Kondotta Djibouti" sar mezz ewlieni li jippermetti li 18-il Stat fl-Afrika tal-Lvant jifformulaw tweġiba reġjonali għall-problema. Barra minn hekk, l-UE tat appoġġ finanzjarju lill-Uffiċċju Marittimu Internazzjonali (IMB) għal perjodu ta' tliet snin fir-rigward tal-attivitatiet taċ-Ċentru ta' Rappurtaġġ tal-IMB kontra l-piraterija li l-għan tiegħu huwa li jelimina l-piraterija u s-serq armat fuq il-vapuri.

3.1.2 Il-Grupp ta' Kuntatt dwar il-Piraterija Internazzjonali jespjora metodi ta' trażżin tal-benefiċjarji billi l-flus imħallsa għall-fidwa, b'valur ta' EUR 300-500 miljun, qegħdin imorru għand il-mexxejja tan-netwerk Somali li jiddepożitawhom – possibbilment anke f'banek tal-UE. Il-KESE jħeġġeġ li dawn is-somom għandhom jiġu rintraċċati u konfiskati sabiex b'hekk il-piraterija ma tibqax negozju attraenti.

3.1.3 Wara l-adozzjoni tal-Qafas Strateġiku għall-Qarn tal-Afrika, il-ħatra ta' Rappreżentant Speċjali li jikkoordina l-azzjoni tal-UE fir-reġjun hija pass fid-direzzjoni t-tajba.

3.1.4 Il-KESE jilqa' r-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-Piraterija Marittima (10 ta' Mejju 2012) li għandha l-għan li ttejjeb il-koordinazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-UE sabiex jiżdedu l-isforzi fil-ġlieda kontra l-pirati u fil-bini mill-ġdid tas-Somalja bħala stat sovrani.

3.1.5 F-serje ta' opinjonijiet preċedenti, sa mill-2008 l-KESE esprima tħassib dwar il-proliferazzjoni tas-serq armat u l-piraterija fix-Xlokk tal-Asja u l-Afrika⁽¹⁾. Huwa ħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tippromovi l-ħolqien ta' ġurisdizzjonijiet adatti sabiex tiffaċċja l-impunità attwali tal-pirati u oppona b'mod kategoriku l-armar tal-baħħara. Il-KESE ħeġġeġ lill-Kummissjoni biex flimkien mal-Istati Membri teżamina t-taħriġ tal-baħħara kontra l-piraterija.

3.1.6 Fil-konferenza tiegħu dwar "Il-faxxinu tal-professjonijiet marittimi" (7 ta' Mejju 2010), il-KESE identifika l-piraterija bħala waħda mill-fatturi li jidizincitivaw lill-persuni milli jagħżlu l-professjoni ta' baħħara u li timpedixxi l-kampanji milli jagħmlu din il-professjoni attraenti.

3.2 L-imsieħba soċjali Ewropej (ECSA/ETF)

3.2.1 Il-European Community Shipowners' Associations (ECSA) u l-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF) (31 ta' Lulju 2012) jesprimu tħassib f'Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-attakki kontinwi minkejja s-suċċess tal-isforzi internazzjonali u Ewropej. Huma Hpoġġew l-eradikazzjoni tal-piraterija f'post ewlieni fuq l-aġenda tal-Kumitat tad-Djalogu Soċjali Settorjali għat-Trasport Marittimu (SSDC).

⁽¹⁾ L-Opinjoni tal-KESE dwar "Politika Marittima Integrata għall-Unjoni Ewropea", ĠU C 211, 19.8.2008, p. 31.

L-Opinjoni tal-KESE dwar "L-iskopijiet strateġiċi u r-rakkomandazzjonijiet għall-politika tat-trasport marittimu tal-UE sal-2018", ĠU C 255, 22.9.2010, p. 103.

L-Opinjoni tal-KESE dwar "Lejn l-integrazzjoni tas-sorveljanza marittima: ambjent komuni għall-qsim tal-informazzjoni għad-dominju marittimu tal-UE", ĠU C 44, 11.2.2011, p. 173.

L-Opinjoni tal-KESE dwar "Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Afrika – Konnessjoni bejn l-Afrika u l-Ewropa: Lejn tisħiħ tal-kooperazzjoni fil-qasam tat-trasport", ĠU C 18, 19.1.2011, p. 69.

L-Opinjoni tal-KESE dwar "Il-livell minimu ta' tahrigh tal-baħħara", ĠU C 43, 15.2.2012, p. 69.

L-Opinjoni tal-KESE dwar "Il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu/Responsabbiltajiet tal-Istat tal-bandiera u kontroll tal-port", ĠU C 299, 4.10.2012, p. 153.

4. Reazzjoni iżjed ikkoordinata min-naħa tal-UE

4.1 Il-piraterija, li hija problema kumplessa u ta' ħafna aspetti diversi, tista' tiġi solvuta biss b'approċċ ħolistiku u kkoordinat fuq il-kosta u fuq il-baħar. L-UE tinsab f'pożizzjoni unika li tipprowdi approċċ bħal dan: hija parti interessata rrispettata ħafna fir-reġjun f'termini diplomatiċi, kummerċjali, ta' trasport, militari u umanitarji.

4.2 Il-baħħara għandhom qed iħallsu prezz għoli. L-isforzi kollha għandhom ikunu mmirati sabiex l-integrità fiżika, mentali u psikoloġika tagħhom ma titqiegħed fil-periklu. Il-Kamra Internazzjonali tat-Tbaħħir (ICS) fasslet linji gwida ta' prattika tajba għall-kumpaniji tat-tbaħħir sabiex tgħin lill-baħħara affettwati u l-familji tagħhom.

4.3 Billi l-kawżi oriġinarji tal-piraterija jirrikjedu soluzzjoni fit-tul fuq il-kosta, il-bini tal-kapaċitajiet fis-Somalja huwa ta' importanza vitali sabiex tintemm l-impunità u jiġi restawrat l-istat tad-dritt. Huwa meħtieġ iktar impenn mill-istati tal-bandiera tal-UE sabiex tiġi żgurata koordinazzjoni aħjar tal-forzi navali u l-prosekuzzjoni tal-pirati.

4.4 Sa mill-qawmien mill-ġdid tal-piraterija fl-2007, dak li issa huwa meħtieġ huwa r-rieda politika li titqiegħed fil-quċċata tal-aġenda politika tal-UE u li jiżdedu r-riżorsi għal iżjed inġenji tal-ajru u bastimenti militari. Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u l-Kummissjoni Ewropea għandhom jikkollaboraw mal-Kunsill Ewropew sabiex jidentifikaw is-setturi ta' kompetenza għal azzjoni fil-ġlieda kontra l-piraterija u l-bini tal-kapaċitajiet fis-Somalja. Il-Bank Dinji, l-Interpol u l-Europol jistgħu jassistu fil-ġlieda kontra l-intraċċar tal-ammonti mħallsa bħala fidwa.

4.5 Il-leġislazzjoni tal-Istati Membri tal-UE għal kontra l-piraterija teħtieġ li tiġi aġġornata:

— peress li f'xi pajjiżi, il-piraterija m'għadhiex meqjusa bħala reat kriminali, għandu jinħoloq qafas legali iżjed ċar dwar il-ġurisdizzjonijiet responsabbli għall-prosekuzzjoni tal-pirati;

— rigward il-proposti sabiex il-prezzijiet tal-fidwa jsiru illegali, projbizzjoni bħal din jista' jkollha effetti mhux intenzjonati u tista' tqiegħed fiżjed periklu l-ħajjiet. Meta jitqies kollox, il-ħlas tal-prezzijiet tal-fidwa għandu jkun permess fl-UE;

- l-impjegar ta' gwardji armati privati akkreditati kif xieraq għandu jkun permess fl-Istati Membri, bil-kundizzjoni li jiġi adottat qafas legali strett li, fost affarijiet oħra, jagħmel lill-Istat Membru ta' stabbiliment responsabbli għat-taħriġ ta' dawn il-gwardji u jstabbilixxi t-termini tar-responsabbiltà tal-kaptan, partikularment fil-każ meta jinftaħ in-nar;
- l-UE għandha, flimkien mal-pajjiżi kostali tar-reġjun, tesplora l-problemi li jinħolqu mit-tranżitu ta' bastimenti li jkollhom il-gwardji armati abbord.

Brussell, 16 ta' Jannar 2013.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Staffan NILSSON
